MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 205/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Stella Attard)**
**Vs**
**Richard Bezzina**

**Illum 14 ta' Frar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 22574 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Dicembru, 2011 ghall-habta tal-11.30 a.m. fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun,

1. waqt li kien qed isuq jew kien inkarigat minn vettura numru IAH-152 xjentement jew bi traskuragni, zamm, fixkel jew qata` l-moghdija jew ma halliex skaplu ghal moghdija ta' persuna jew vetturi ohra jew ziemel ghall-uzu ta' l-imsemmija triq;

2. saq vettura numru IAH-152 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);
3. saq vettura numru IAH-152 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' April, 2012, li biha, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u l-artikolu 77 L.S. 65.11 sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' erbat elef Ewro (€4,000) pagabbli fuq medda ta' tlett (3) snin u sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sena (12 il-xahar).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-esponent gie misjub hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, thassar dik il-parti fejn gie kkundannat €4000 multa u sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sena, u minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa ghal kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-multa nflitta kienet eccessiva u gravuza u dan ghal raguni wahda u semplici. B'kull rispett, l-esponenti ma jistax jifhem il-ghaliex fil-kaz tieghu l-Qorti mxiet b'mod ferm differenti minn dak li l-istess Qorti taghmel solitament (u dan statistikament ippruvat) u imponiet multa hekk gholja. L-esponent jifhem illi l-Qorti applikat piena li tidhol sew fil-parametri li tistipula l-ligi, b'dan kollu pero' l-esponent jaf ben tajjeb illi f'mijiet jew mhux f'eluf ta' kazijiet identitici ghal tiehu, u cioe` fejn l-akkuzi jkunu l-istess u fejn l-akkuzat ikun qed jinstab hati

ta’ tali akkuzi ghall-ewwel darba, l-Qorti dejjem applikat il-multa fil-minimu permessibli mil-ligi u cioe` dik ta’ €2300. Il-kaz ta’ l-esponent ma kien jipprezenta l-ebda differenza minn dawn il-mijiet jekk mhux eluf ta’ kawzi ohra u ghalhekk id-domanda tigi spontanja; “X’kienet ir-raguni illi oggettivament b’xi mod jew iehor kienet tiggustifika l-implimentazzjoni ta’ piena iktar harxa fil-konfront ta’ l-esponent? X’kienet ir-raguni legalment valida illi tavalla l-linja addotata mill-Ewwel Qorti sabiex titratta mal-esponent b’mod ferm differenti milli l-istess Qorti (li ferm probabli anki identikament preseduta) ittratat ma’ mijiet jekk mhux eluf ta’ persuni ohra f’sitwazzjonijiet, fatti u cirkustanzi mhux biss analogi izda addirittura identitci ghal dawk ta’ l-esponent? Jekk it-twegiba ghal dawn id-domandi hija li m’hemm ebda tali raguni (kif fil-fatt m’hemmx) allura l-esponent umilment jemmen illi l-piena erogata fil-konfront tieghu hija wahda gravuza u mhux gustifikata.

F’dan is-sens, l-esponent jirreferi ghall-kummenti li jinsabu F’Archbold (2001 para. 5-174, p.571) fejn jghid : *“where an offender has received a sentenza which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantlyu more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence .....”*

Ikkunsidrat.

Irrizulta mil-provi illi b’Sentenza tas-17 ta’ April, 2012 l-appellant instab hati ta’ diversi reati in konnessjoni ma traffiku u kkundannat €4,000 u sospenzjoni tal-licenzja ghal zmien sena. L-appellant hassu aggravat minn din is-Sentenza ghaliex deherlu illi kien gie ingustament diskriminat minn persuni ohrajn illi wkoll gew misjuba hatja ta’ l-istess akkuzi u minflok gew ikkundannati l-minimu permess mill-Ligi u cioe’ dik ta’ €2,300 u ma jistax jifhem kif fil-kaz tieghu naghta multa daqshekk qawwija.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti tifhem illi f'dawn il-kazijiet il-prassi normali hi illi jekk persuna tinsab hatja tar-reati in konnessjoni ma' nuqqas ta' licenzja u polza ta' l-assigurazzjoni l-multa nflitta tkun fil-minimu taghha u cioe' €2,300. Ma hemm xejn pero' xi jzomm lill-Magistrat li f'cirkostanzi specjali jimponi multa ghola jekk ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Pero' din il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz il-Magistrat ghandu jispjega 'l ghaliex kellu jiddipartixxi minn norma u jeroga piena ghola minn tas-soltu.

Minn ezami akkurat tas-Sentenza ma jidhirx illi l-Magistrat ta xi ragunijiet ghaliex kellu jeroga multa daqshekk gholja u jaghmel sens it-taghlim ta' l-Archbold fuq imsemmi meta jghid "Where an offender has received a Sentence which is not open to criticism where considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal ma reduce the Sentence....." . F'dan il-kaz ma jezistix komplici pero' meta l-Qorti taghmel paragun ma dan il-kaz u kazijiet ohra simili fejn dejjem giet erogata l-minimu tal-multa, din il-Qorti ma tarax illi ghandha tghmel differenza aktar u aktar meta fis-Sentenza stess ma hemm l-ebda indikazzjoni ghaliex il-Magistrat ghogbu jeroga multa ghola.

Ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn l-appellant gie misjub hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, thassar dik il-parti fejn ikkundannat €4,000 multa u minflok tikkundanna lill-appellnat ghall- multa ta' €2,300 u tikkonferma l-bqija tas-Sentenza fejn ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------